

Brussell, 9 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6848/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0030(NLE)

FISC 44
ECOFIN 225
UK 83

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	6145/21 - COM(2021) 53 final
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud - Adozzjoni

1. Fil-11 ta' Frar 2021, il-Kunsill irċieva l-proposta tal-Kummissjoni¹ dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.
2. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni kontra s-sustanza ta' din id-deroga fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta).
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 6323/21;

¹ Dok. 6145/21.

- jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 6323/21 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill jaqbel dwar il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fil-Ġurnal Uffiċjali.
-